**QORTI TAL-APPELL**

**(KOMPETENZA INFERJURI)**

**(TRIBUNAL TA’ REVIZJONI TAL-AMBJENT U L-IPPJANAR)**

**ONOR. IMHALLEF MARK CHETCUTI LL.D.**

**Illum L-Erbgha, 28 ta' Frar, 2018**

Numru 3

**Appell Nru. 5/2018**

**Travis Boyd, John Agius, Philip Borg u Margerita Farrugia**

**vs**

**L-Awtorita tal-Ippjanar**
**(gia l-Awtorita ta’ Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar) u**
**kjamat in kawza Ghaqda Muzikali San Guzepp**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellanti tal-10 ta’ Jannar 2018 kontra d-decizjoni tat-Tribunal ta’ Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar tal-21 ta’ Dicembru 2017 fejn it-Tribunal laqa’ eccezzjoni preliminari tal-appellat Ghaqda Muzikali San Guzepp u iddikjara null l-appell tal-appellanti billi ma kienux identifikabbli mill-atti tal-appell;

Rat ir-risposta tal-Awtorita li ssottomettiet li l-appell ghandu jigi michud u d-decizjoni tat-Tribunal konfermata;

Rat ir-risposta tal-applikant li ssottometta li l-appell ghandu jigi michud u d-decizjoni tat-Tribunal konfermata;

Rat l-atti kollha u semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat id-decizjoni tat-Tribunal li tghid hekk:

Din id-decizjoni hija fir-rigward tal-eccezzjoni preliminari mqajmma mill-appellat dwar in-nullita' tal-Appell. L-appellat eccepixxa illi l-appell kien null billi l-appellanti ma kienx identifikabbli.

Mill-Atti rrizulta illi l-Appell sar mill-Perit Ian Cutajar on behalf of our clients Travis Boyd, John Agius, Philip Borg u Margerita Farrugia.

Naturalment sabiex dawn il-persuni msemmija fl-Appell ikollhom id-dritt li jappellaw kellhom ikunu dawn il-persuni li ghamlu lilment mal-Awtorita' li wasslet ghal proceduri ta' revoka ai finijiet tal-Artikolu 80 – liema proceduri kienu l-bazi ta' dan l-Appell.

L-ittra li bdiet il-proceduri (dak iz-zmien taht l-artikolu 77 tal-Kap 504) hija datata 24 ta' Mejju 2016 fejn permess ta' ittra tal-avukat gie sottomess:
We write on behalf of a number of residents residing at Alley 4, Triq Santa Marija, Ghaxaq with respect to the captioned permit.

Ghalhekk fl-ittra promotura hemm biss indikazzjoni ta' xi residenti. Din hija generalita' illi fl-opinjoni tat-Tribunal hija tali li twassal naturalment ghal telfien ta' dritt ta' Appell.

Appelli lil dan it-Tribunal ghandhom isiru minn min ikun ghamel rappresentazzjonijiet quddiem il-Bord tal-Awtorita' u jkunu ddikjaraw ruhhom bhala terzi nteressati. Ir-riferenza ghal xi residenti mhix bizzejjed ghaliex jekk wiehed jaccetta l-argument tal-appellanti jigi li kull persuna fi kwalunkwe sitwazzjoni u fi kwalunkwe hin ikollha dritt li taghmel appelli. L-Ghan tal-Ligi mhix dik. Huwa element fundamentali ta' Ordni Pubblika li partijiet fi kawzi jkunu identifikabbli. F'dan il-kaz il-generalita' tal-ittra promotura hija tali li tirrendi l-process tal-appell null propju minhabba n-necessitajiet ta' Ordni Pubblika.

Illi ta’ minn izied illi dan it-Tribunal mhux qed jaqbel mal-appellanti illi hawnhekk si tratta ta’ sitwazzjoni simili ghal decizjoni ta’ dan it-Tribunal fl-ismijiet Familja Bonello kontra l-Awtorita’ et, fejn it-Tribunal cahad l-eccezzjoni tal-permit holder u kkorrega l-okkju fl-appell. Fil-kaz ta' Bonello l-appellanti kienu identifikaw irwiehom bhala Familja Bonello fl-indirizz 'Casa Pompei', Triq it-Tlett Knejjes, Balzan, fejn ghaldaqstant kien bizzejjed ghat-Tribunal li jiddentifika l-appellanti u jzalva l-appell tat-terz. F'dan il-kaz ma hemm ebda hjiel ta' minn hu l-persuna li qed tressaq it-talba ta’ revoka u ghaldaqstant ma setghux jigu identifikati l-appellanti skont il-ligi.

L-eccezzjoni tal-appellat hija ghalhekk milqugha u l-Appell huwa dikjarat bhala irritu u null.

**Ikkunsidrat**

L-aggravji tal-appellant huma s-segwenti:

1. L-artikolu 77 tal-Kap. 504, illum artikolu 80 tal-Kap. 552 ma jipprevedi ebda htiega ta' identifikazzjoni ta' min jaghmel it-talba ghal revoka ta' permess tant li l-ligi tghid 'kwalsiasi persuna';

2. It-Tribunal interpreta hazin id-decizjoni Family Bonello vs Awtorita Ippjanar ghax anki fil-kaz odern it-Tribunal kellu hjiel ta' min kien l-appellanti, cioe r-residenti tal-isqaq fejn intalab l-izvilupp u in oltre f'ebda stadju quddiem il-Kummissjoni ma gie kontestat li l-apellanti mhux residenti fl-isqaq. Ghalhekk kellha issir il-korrezzjoni fl-okkju, iktar u iktar meta fit-talba ghar-revoka quddiem il-Kummissjoni kien hemm indikat b'mod car min huma r-residenti u dejjem attendew ghas-seduta;

3. Ma tqajmet ebda eccezzjoni specifika ta' nullita minhabba nuqqas ta' identifikazzjoni tal-appellanti. Kull ma jinghad hu illi s-socjeta appellata ma kellhiex kopja tar-representation letter u ghalhekk ma setghetx tidentifika lil appellanti. L-appellanti fornew kopja tal-ittra u t-Tribunal xorta wasal ghal konkluzjoni li l-appell kien null;

4. Din l-eccezzjoni ma tistax tintlaqa' meta tqajmet biss quddiem it-Tribunal meta qatt ma tqajmet quddiem il-Bord tal-Awtorita u gie diskuss u deciz il-mertu tal-applikazzjoni fil-prezenza tat-terzi oggezzjonanti li kienu ghamlu l-oggezzjoni bil-miktub u jienu jigu notifikati bis-seduti.

**L-aggravji mehudin flimkien**

L-aggravji ser jigu trattati f'salt mill-Qorti billi wahda torbot mal-ewwel. Qabel xejn irid jigi precizat illi din il-vertenza tirrigwarda talba ghal revoka ta' permess PA 259/13, ai termini tal-artikolu 70 tal-Kap. 504 liema talba jidher li saret fl-24 ta' Frar 2016 permezz ta' ittra mibghuta mill-avukat Frank Testa. Din l-ittra hi mibghuta 'on behalf of a number of residents at Alley 4, Triq Santa Maria, Ghaxaq', bla ebda identifikazzjoni ulterjuri. Din l-ittra segwiet rakkomandazzjni tal-Ombudsman (Case EP34). Fil-24 ta' Mejju 2016 intbaghtet ittra ohra lil Awtorita mill-avukat Frank Testa f'isem l-istess residenti biex l-Awtorita tiehu passi.

L-artikolu 77 tal-Kap. 504, cioe l-artikolu u Kapitolu li kien japplika meta intbaghtet l-ittra li biha taw lok ghal bidu tal-proceduri odjerni, kien jghid hekk:

> (1) L-Awtorità jew it-Tribunal jista', fil-kazijiet biss ta' Revoka u tibdil, frodi jew fejn is-sigurtà pubblika hija koncernata jew fejn ikun hemm zball f'dokument li jidher minn ezami tal-istess dokument, b'decizjoni tirrevoka jew tibdel kull licenza jew permess ghallizvilupp moghti skont dan l-Att, inkluza kull awtorizzazjoni mahruga mill-Awtorità skont xi Ordni, filwaqt li fid-decizjoni taghti r-ragunijiet taghha ghal dik id-decizjoni; u, qabel ma tiddeciedi li tirrevoka jew tibdel licenzja jew permess ghall-izvilupp kif provdut f'dan is-subartikolu, l-Awtorità jew it-Tribunal, skont kif ikun il-kaz, ghandhom jgharrfu lil dik il-persuna li tkun se tintlaqat minn dik id-decizjoni bid-data u bil-hin tal-laqgha taghha fejn l-Awtorità jew it-Tribunal ghandhom jisimghu s-sottomissjonijiet ta' dik il-persuna jekk din taghzel li tattendi, u s-sottomissjonijiet ta' kull persuna ohra:
> Izda l-Awtorità jew it-Tribunal jistghu f'kaz ta' kull licenza jew permess tal-izvilupp, inkluza kull awtorizzazzjoni mahruga mill-Awtorità skont xi Ordni, mahruga wara d-data ta' dhul fis-sehh ta' dan l-Att jibdew proceduri sabiex jirrevokaw jew jimmodifikaw dik il-licenza jew permess tal-izvilupp inkluza kull awtorizzazjoni mahruga mill-Awtorità skont xi Ordni, fi zmien hames snin middata tal-hrug tal-licenza jew permess tal-izvilupp, inkluza xi awtorizzazjoni mahruga mill-Awtorità skont xi Ordni.

Jidher mill-minuti tas-seduta quddiem il-Bord tal-Awtorita li nzammet fil-15 ta' Settembru 2016 biex jigi diskuss l-ilment, ma tqajmet ebda forma ta' ilment, oggezzjoni jew pregudizjali procedurali dwar l-identita ta' min qajjem it-talba ghar-revoka jew jekk min xpruna l-istess vertenza kienx identifikabbli. Del resto l-artikolu 77 ma jghid xejn dwar dan, anzi jidher li mill-mod kif inhu redatt l-artikolu 77 talba ghal revoka ta' permess tista' issir minn min juri li ghandu xi interess. Li jirrizulta b'mod car mill-ittra li xprunat din it-talba ghal revoka illi l-avukat li kiteb l-ittra ghamilha f'isem uhud mir-residenti ta' Alley 4 Triq Santa Maria, Ghaxaq.

Li sehh pero hu illi f'April 2016 il-ligi inbidlet u dahal in vigore l-Kap. 552 u l-artikolu relevanti cioe l-artikolu 80 li kien applikabbli fiz-zmien tat-tehid ta' kull rakkomandazzjoni, provvediment jew decizjoni kemm jekk din inghatat f'Settembru 2016 jew f'Ottubru 2016 billi dwar din il-kwstjoni kemm aggravju specifiku li din il-Qorti ser toqghod lura milli tikkonsidra f'dan l-istadju.

L-artikolu 80 jghid hekk:

> The Planning Board may
> ...

> by a decision revoke or modify any development permission granted under this Act ... stating in such decision its reasons for so doing and indicating in a clear manner the legal basis for the revocation.
> Upon any such request made by any person to revoke or modify a permission in terms of this Act, or out of its own motion, the Executive Chairperson must prepare his recommendations to the Planning Board as to whether the development permission should be revoked or modified and invite both the applicant and the person making the request, if any, to make written submissions.
> The Planning Board shall communicate the date and time of its hearing to the applicant and to the interested person making the request under this article, if any. During such hearing the Planning Board shall also hear the said applicant's submissions, if the latter opts to attend, the interested person's submissions, if any, and any other person's submissions.

Il-ligi hawn issemmi 'any person' u izzid li l-Bord tal-Awtorita irid jistieden lil applikant u l-persuna li ghamlet it-talba biex jaghmlu sottomissjonijiet. Hawn ukoll il-ligi ma taghtix indikazzjoni tat-tifsira 'any person' pero ghal fini tal-aggravju hawn trattat il-Qorti tqis illi tali persuna trid tkun facilment identifikabbli mill-atti. F'dan il-kaz l-avukat inizjalment kien kiteb f'isem uhud mir-residenti ta' Alley 4 Triq Santa Maria, Ghaxaq. Tali deskrizzjoni ghalkemm ma tindikax il-persuni b'isimhom pero hi cirkoskritta u facilment identifikabbli minn harsa lejn ir-registru elettorali fiz-zmien meta saret it-talba. Maghdud dan, fl-istadju li fih il-partijiet dehru quddiem il-Bord cioe fil-15 ta' Settembru 2016 u 20 ta' Ottubru 2016, ebda oggezzjoni jew dubju jew ilment ma tqajjem mill-applikant (f'dan il-kaz permit holder) dwar l-identita tal-persuni li ghamlu t-talba ghar-revoka. Il-Qorti taghmel taghha li qalet fis-sentenza **Brian Borg et vs L-Awtorita tal-Ippjanar**, (App nru 15/2017) deciz fl-20 ta' Novembru 2017, li kien jitratta wkoll appell minn talba ghal revoka ta' permess ghalkemm fuq kwistjoni differenti cioe li tkun ingustizzja manifesta li partijiet li thallew jitrattaw mertu ta' vertenza jqajmu eccezzjoni preliminari (fil-kaz prezenti tal-identita tal-persuna li xprunat l-oggezzjoni) meta tali dubju jew pregudizjali qatt ma tqajmet meta l-kwistjoni kienet qed tigi trattata quddiem il-Bord tal-Awtorita u fejn ma jidhirx li xi hadd sab diffikulta fl-identita tal-persuni li bdew il-proceduri. Fil-fatt l-aggravju tal-permit holder f'dan il-kaz kien li ma giex notifikat bl-ittra tal-oggezzjoni (representation letter) u ghalhekk ma setghax jiddefendi ruhu kif imiss.

L-artikolu 80(3) illum applikabbli ghal kaz cioe fiz-zmien li sar l-appell quddiem it-Tribunal jghid li l-applikant jew il-persuna li qed taghmel talba taht dan l-artikolu,

ghandha dritt ta' appell mid-decizjoni tal-Bord. L-appell odjern sar din id-darba min persuni identifikati b'isimhom u mhux kif sar quddiem il-Bord cioe mill-avukat li kiteb f'isem uhud mir-residenti. Il-Qorti tqis li kien ikun aktar ghaqli li kieku l-ismijiet kienu gew imnizzlin ab initio fl-ittra tal-oggezzjoni quddiem il-Bord tal-Awtorita pero l-mod kif kienu deskritti kienu ben identifikabbli mill-fatt li jinghad li jirrisjedu fl-isqaq imsemmi. Ma jirrizultax u dan jinghad ghax ma hemm ebda prova fl-atti illi l-appellanti joqghodu jew kienu joqghodu banda ohra meta inbdew il-proceduri quddiem il-Bord tal-Awtorita fi Frar 2016 u jekk allura kien hemm din l-oggezzjoni procedurali, verifika semplici kienet tindika l-veracita o meno tal-indirizzi tal-appellanti qua residenti tal-isqaq in kwistjoni. Din il-verifika kienet ben accertabbli mill-atti infushom meta l-appellanti u ohrajn residenti fl-imsemmi sqaq kitbu direttament lil Ombudsman fl-24 ta' Gunju 2015 u talbu investigazzjoni biex jaraw kienx hemm ragunijiet ta' revoka a bazi tal-artikolu 77 tal-Kap. 504. Il-prova li l-persuni li xprunaw il-proceduri quddiem il-Bord ma kienux l-istess li pprezentaw l-appell u ghalhekk josta ghalihom id-dispost tal-artikolu 80(3) kien jaqa' fuq l-appellati u dan ma sarx.

It-Tribunal fil-fehma tal-Qorti u bil-fattispecie partikolari tal-kaz kien rigidu wisq fic-cirkostanzi meta skarta dan kollu u waqaf biss fuq il-formalita procedurali ta' nuqqas ta' identifikazzjoni fil-proceduri quddiem il-Bord, meta tali nuqqas la gie riskontrat u anqas tqajjem minn min kellu interess cioe l-permit holder, quddiem l-istess Bord. L-atti, fejn hu possibbli, ghandhom jigu slavati jekk ma jikkrejawx pregudizzju serju lil persuna minhabba nuqqas ta' formalita preciza. Il-Qorti taghmilha cara illi dan hu kaz eccezzjonali u ma jfissirx illi kull nuqqas ta' identifikazzjoni cara ser issib kenn jekk ma jkunx hemm prova cara li dak li qed jappella hu fil-fatt dak li ghamel it-talba ghar-revoka. F'dan il-kaz il-kwistjoni giet salvata hemm minhabba li l-proceduri inbdew taht artikolu ta' ligi li kien differenti minn dak li hu illum u kellu format differenti u peress illi l-ittra ta' oggezzjoni ta' Frar 2016 kienet tidentifika b'mod pjuttost car min setghu kienu l-oggezzjonanti liema oggezzjonanti wkoll jidhru fl-okkju u ghaliex ukoll ma kien hemm ebda forma ta' lment jew oggezzjoni dwar tali mod ta' identifikazzjoni quddiem il-Bord tal-Awtorita.

Ghal dawn ir-ragunijiet l-appell qed jigi milqugh.

**Decide**

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tirrevoka d-decizjoni tat-Tribunal ta' Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar tal-21 ta' Dicembru 2017, tilqa' l-appell tal-appellanti u tiddikjara li ma hemm ebda nullita fl-okkju u fl-identifikazzjoni tal-appellanti, u tibghat l-atti lura lit-Tribunal biex ikompli jisma l-appell. Spejjez ghall-appellati in solidum.

Onor. Mark Chetcuti LL.D.
Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur